31981L0020

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tal-20 ta' Jannar 1981

li temenda għas-seba' darba d-Direttiva tat-23 ta' Ottubru 1962 dwar l-approssimazzjoni tar-regoli ta' l-Istati Membri li jitrattaw is-sustanzi kuluranti awtorizzati sabiex jintużaw fl-ikel maħsub għall-konsum mill-bniedem

(81/20/KEE)

Il-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 100 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([2]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([3]),

Billi parti (b) ta' l-Anness II tad-Direttiva tat-23 ta' Ottubru 1962 dwar l-approssimazzjoni tar-regoli ta' l-Istati Membri li jittrattaw is-sustanzi kuluranti awtorizzati li jintużaw fl-ikel għall-konsum mill-bniedem ([4]), kif l-aħħar emendata mid-Direttiva 78/144/KEE ([5]), tistabilixxi l-lista ta' prodotti biex jiddilwixxu jew iħollu s-sustanzi kuluranti;

Billi l-użu tas-sustanza kuluranti *carotenoid* E 160 u E 161 huwa faċilitat permezz tad-dilwizzjoni tagħhom ma' *carrageenan* (E 407) u *gum arabic* (E 414); filwaqt li l-Kummissjoni qegħda tirrevedi l-użu tas-sustanzi kollha użati biex jiddilwixxu jew iħollu s-sustanzi kulurantiu għalhekk mhux possibli sabiex tittieħed deċiżjoni finali dwar jekk dawn iż-żewġ sustanzi għandhomx jiġu awtorizzati fil-Komunità,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA

Artikolu 1

Is-sustanzi li ġejjin jiżdiedu ma' parti (b) ta' l-Anness II għad-Direttiva tat-23 ta' Ottubru 1962 taħt il-kondizzjonijiet speċifikati fiha:

— *Carrageenan* (esklussivament għas-sustanzi kuluranti elenkati taħt in-numri E 160 u E 161 fl-Anness 1),

— *Gum Arabic* (esklussivament għas-sustanzi kuluranti elenkati taħt in-numri E 160 u E 161 fl-Anness 1).

Artikolu 2

Stati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex ikunu konformi mad-Direttiva mhux aktar tard minn l-1 ta' Lulju 1981 u għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bihom minnufih.

Artikolu 3

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-20 ta' Jannar 1981.

Għall-Kunsill

Il-President

Ch. A. van der KLAAUW

([1]) ĠU C 201, ta' l-10.8.1979, p. 13.
([2]) ĠU C 147, tas-16.6.1980, p. 124.
([3]) ĠU C 113, tas-7.5.1980, p. 9.
([4]) ĠU C 115, tal-11.11.1962, p. 2645/62.
([5]) ĠU L 44, tal-15.2.1978, p. 20.